**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Kumpilazzjoni Nru. 557/2018**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Christabelle Chetcuti)**

**vs**

**Pier (Pier Paul) Buttigieg**

**Illum, 20 ta' Jannar 2021**

Il-Qorti;

Reghet rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

> "**Pier (Pier Paul) Buttigieg,** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 195874(M)."

Rat illi l-imputat kien akkuzat talli:

> "nhar is-17 t' Awwissu 2018 għall-ħabta tas-18:10hrs minn ġewwa l-ħanut bl-isem 'Call Zone', sitwat fi Triq Santa Tereza, Bormla u/jew f'dawn il-gzejjer Maltin:

1. Prezenta ruħu armat bi strument jaqta u bil-ponta (mus) u kkommetta serq ta' flus kontanti li jammontaw għal elf u mitejn Ewro (€1200) għad-dannu ta' Yanika Bartolo, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza u bil-valur li ma jiskorrix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċentezmi (€2329.37).

2. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kellhu fil-pusses tiegħu strument jaqta u bil-ponta (mus) mingħajr liċenżja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

3. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi għamel lil Ruth Spiteri inġurji jew tħedid.

4. U aktar talli fl-istess data. Lok u ċirkostanzi ikkagunha lil Ruth Spiteri tibża li se tintuża vjolenza kontra tagħha jew kontra l-proprjeta tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta ta' xi ħadd mill-axendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna oħra.

5. U aktar talli l-Qorti hija ġentilment mitluba li f'każ ta' ħtija tqis lill-imputat bħala li sar reċediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kien misjub ħati ta' diversi sentenzi mogħtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat illi l-Qorti kienet giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-liġi, tiprovdi għas-sigurta ta' Ruth Spiteri u Yanika Bartolo garanzija taħt artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta'

> Malta u kif ukoll toħroġ ordni ta' protezzjoni sabiex tiprovdi għas-sigurta' tal-persuni offiża jew individwi oħra skond artikolu 412(c) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
>
> Rat illi l-Qorti kienet giet ġentilment mitlub sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkuzati għall-ħlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet tal-Malta."

Rat is-sentenza taghha tal-21 ta' Novembru 2018.

Rat ir-rikors tal-Ufficjal tal-Probation tal-20 ta' Dicembru 2019.

Rat id-digriet taghha tal-24 ta' Dicembru 2019.

Semghet ix-xhieda tal-Ufficcjal tal-Probation fis-seduta tas-07 ta' Lulju 2020[1].

Ikkunsidrat:

Illi permezz tas-sentenza taghha tal-21 ta' Novembru 2018, din il-Qorti kienet poggiet lill-imputat taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett snin.

Illi mix-xhieda tal-Ufficjal tal-Probation, li ma giet bl-ebda mod kontestata, jirrizulta li l-imputat ma zammx l-appuntamenti mal-istess Ufficjal tal-Probation u illi l-kampjuni illi ttiehdu lill-imputat fl-unika zewg appuntamenti illi zamm kienu t-tnejn pozittivi ghad-droga kokaina.

[1] A folio 78 tal-process.

Illi mill-atti processwali jirrizulta wkoll illi l-imputat ma setax jinstab sabiex jigi notifikat, u gie notifikat biss wara li tressaq il-Qorti fuq kaz iehor u nzamm aht arrest u ghalhekk seta' jigi notifikat b'dawn il-proceduri.

Illi ghalhekk jirrizulta li l-imputat ma onorax l-obbligi tieghu taht is-sentenza msemmija u senjatament ma harisx l-Ordni ta' Probation mahruga fil-konfront tieghu.

Illi l-Artikolu 21 (1) tal-Kapitolu 446, l-Att Dwar il-Probation jiddisponi hekk:

> "*Jekk f'xi waqt matul il-perjodu ta' probation il-Qorti tal-Maġistrati, il-Qorti tal-Minorenni, il-Qorti Kriminali jew il-Qorti tal-Appell Kriminali, skont il-każ, tkun tal-fehma li min ikun taħt probation ikun naqas li jħares xi waħda mill-ħtiġiet tas-sanzjoni komunitarja, il-qorti kompetenti tista' toħroġ taħrika li fiha titlob lil min ikun taħt probation biex jidher quddiem dik il-qorti fil-post u l-ħin hemm speċifikati, jew tista', jekk iċ-ċirkostanzi jkunu hekk jeħtieġu, toħroġ mandat għall-arrest ta' min ikun taħt probation:*
>
> *Iżda ħlief meta n-nuqqas allegat jinġieb għall-attenzjoni tal-qorti permezz ta' rikors mill-uffiċjal tal-probation, m'għandhom jinħarġu ebda tali taħrika jew mandat mill-Qorti rispettiva, ħlief meta tingħata informazzjoni bil-miktub u li tkun konfermata b'ġurament.*

*F'kull każ l-informazzjoni għandha tiġi ppreżentata fi żmien tliet xhur minn nuqqas allegat minn min ikun taħt probation:*

*Iżda wkoll il-Qorti għandha tappunta għas-smigħ ir-rikors fi żmien għoxrin ġurnata mill-preżentata tal-imsemmi rikors.*

*(2) Jekk jiġi ppruvat għas*-sodisfazzjon tal-qorti, *li min ikun taħt probation jkun naqas milli jħares xi ħtieġa ta' sanzjoni fil-*komunità, *dik il-*qorti *tista' mingħajr preġudizzju għat-*tkomplija *tas-sanzjoni, twaħħal il-ħati ammenda ta' mhux iżjed minn* mitejn u tnejn u tletin *euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94), jew tista'tittratta ma' min ikun taħt probation, għar-*reat *li* dwaru tkun saret *is-sanzjoni komunitarja, b'kull mod kif il-*qorti *tista' tittratta lill-ħati li kieku kien għadu kemm ġie dikjarat ħati minn jew quddiem* dik *il-*qorti *għal dak ir-reat.*

*(3) Ammenda li tiġi imposta taħt dan l-*artikolu *dwar xi nuqqas ta' ħarsien ma' kull ħtieġa ta' ordni ta' probation għandha titqies għall-*finijiet *ta' kull liġi, imma salv id-*disposizzjonijiet *tal-artikolu 22(1), bħala somma aġġudikata li titħallas wara dikjarazzjoni ta' ħtija."*

**Decide:**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 21 (1) tal-Kapitolu 446, taghzel li tittratta mal-imputat kif il-qorti tista' tittratta lill-ħati li kieku kien għadu kemm ġie dikjarat ħati, u konsegwentament wara li rat l-Artikoli 49, 50, 261(a), 261(c), 262(1) (b), 279(a), 289, 339(1)(e), 251B(1) u 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 3(a) u 6 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li kkunsidrat l-ammissjoni bikrija tal-imputat u n-natura u gravita' tal-akkuzi migjuba kontra tieghu tikkundanna lill-imputat kumplessivament ghal zmien tletin xahar prigunerija, li minnhom ghandhom jitnaqqsu t-tmintax-il xahar habs skontati taht is-sentenza precedenti stante li dik is-sentenza issa giet sorvolata bis-sentenza tal-lum, b'rakkomandazzjoni lill-awtoritajiet tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin li l-imputat ghandu jigi segwit minn tim professjonali li, wara li jaghmlu evalwazzjoni idoneja tal-imputat, ghandhom ihejju pjan sabiex l-imputat jinghata l-ghajnuna kollha mehtiega sabiex jirrijabilita ruhu mill-problemi li jirrizulta li ghandu inkluz billi jsegwi u jikkompleta **programma/i** ghar-rijabilitazzjoni mill-abbuz tad-droga.

Tordna wkoll l-hrug kontra l-imputat ta' ordni ta' protezzjoni ghall-perjodu ta' tlett snin mill-lum ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' u l-protezzjoni ta' Ruth Spiteri u Yanika Bartolo minn kwalisijasi fastidju jew imgieba li tikkaguna biza' ta' vjolenza b'daqstant li tipprojbixxi lill-imputat li javvicina jew b'xi mod isegwi l-movimenti ta' Ruth Spiteri u Yanika Bartolo jew b'xi mod jimmolestahom.

U torbot lill-imputat b'obbligazzjoni tieghu nnifsu a favur l-imsemmija Ruth Spiteri u Yanika Bartolo ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta taht penali ta' elfejn u tlett mitt Ewro (€2,300).

Il-Qorti tohrog ukoll Ordni ta' Probation taht l-Artiklu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-imputat ghal zmien tlett snin mil-lum u tordna wkoll illi l-imputat jigi segwit minn Probation Officer waqt il-permanenza tieghu fl-istess facilita'.

U, ai termini tal-Artikolu 15A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta, tordna li l-imputat jrodd lura lid-derubata, s-somma ta' elf u mitejn Ewro (€1,200) fi zmien sitt xhur wara li jiskonta s-sentenza.

U ai termini tal-Artiklu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputat ghall-hlas tal-ispejjez kollha tal-esperti mahtura fl-inkjesta relattiva ghal dan il-kaz.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem car l-import ta' din is-sentenza.

***Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

Angelo Buttigieg
Deputat Registratur